# MINUTI

## Seduta tal-Kunsill Lokali Kalkara

**Seduta Nru. 12/2016**

Data: 24 ta' Novembru 2016

Hin: 4:30 p.m.

Post: Fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti:
***Speranza Chircop*** *– Sindku*
***Christopher Bruno*** *– Viċi Sindku*
***Maria Sultana*** *– Kunsilliera*
***Paul Bongailas*** *– Kunsillier*
***Vincent Bongailas*** *– Kunsillier*
***Elaine Caruana****– Segretarju Eżekuttiv*

Assenti: ***Michaela Noelene Zammit*** *– Ambaxxatrici*

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Komunikazzjoni mis-Sindku;
5. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Aġġornament.

1 / 2, BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI IL-KALKARA KKR 1330
Tel. No: 00356 2166 5500
Email: kalkara.lc@gov.mt
Facebook: Kalkara Local Council

## 1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Ottubru 2016.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Viċi Sindku s-Sur Chris Bruno

## 2 Punti mqajma mill-Minuti

2.1 Punt 2.4 Mis-Seduta 11.16 – Is-Seg.Eżek. infurmat il-Kunsill kollu illi flimkien mal-Kunsilliera is-Sinjura Maria Sultana ħadmet fuq loġistika sħiħa ta' kif ser taħdem il-mawra bit-tramm lit-tfal ta' l-iskola Primarja tal-Kalkara nhar id-9 ta' Diċembru 2016 fl-okkazjoni ta' Jum il-Kalkara.

Is-Sinjura Sultana saħqet ukoll illi ser tkun qed titkellem mal-amministrazzjoni ta' Dar il-Wens biex b'hekk nagħtu opportunita' lil dawn in-nies ukoll iduru dawra mal-Kalkara u tkun esperjenza unika għalijhom ukoll.

Il-Kunsill kollu qabel unanimament ma' dan il-punt imsemmi hawn fuq.

2.2 Punt 2.6 mis-Seduta 11.16 – Is-Seg.Eżek. spjegat illi hi ma kinitx kellmet lis-Sur John Boxall (Sindku tal-Birgu), kif kien ġie suġġerit mill- kumplament tal-Kunsill fis-Seduta preċedenti minħabba illi fil-verita' ma kien hemm xejn formali rigward il-'bins' imsemmija.

Il-Kunsill kollu qabel ma' din id-deċiżjoni imsemmijha hawn fuq.

2.3 Punt 5.2 a mis-Seduta 11.16 – Is-Seg.Eżek. infurmat il-Kunsill dwar laqgħa li kellha aktar kmieni fix-xahar ta' Novembru flimkien mas-Sindku is-Sinjura Speranza Chircop u mal-Onorevoli Ministru Joe Mizzi rigward il-proġett kapitali tax-Xatt tal-Kalkara fejn minn naħa tal-Ministru ġie suġġerit illi għandha tintbgħat talba formali lill-Prim Ministru mill-Kunsill bi spjega ċara ta' x'hemm bżonn li jsir biex b'hekk wieħed ikun jista jara kif ser jiġu allokati fondi biżżejjed biex

finalment jiġi mplementat dan l-istess proġett minħabba problemi finanzjarji kemm minn naħa tal-Kunsill kif ukoll minn naħa tal-Ministeru.

2.4 Punt 5.1 mis-Seduta 11.16 – Is-Seg. Eżek. Infurmat il-Kunsill illi biex jinbidlu l-ismijiet tat-Toroq kif ġie suġġerit mill-Kunsillier Pawlu Bongailas hemm proċedura twila biex wieħed ikun jista jibdel l-isem ta' kwalunkwe Triq.

Is-Seg. Eżek. spjegat il-proċedura fid-dettal, kif ukoll ġie miftijhem illi l-Kunsillier Pawlu Bongailas ser ikun qiegħed iġib quddiem il-Kunsill lista ta' ismijiet tat-Toroq li fil-fehma tiegħu iridu jinbidlu kif ukoll l-informazzjoni kollha meħtieġa fuqhom.

Is-Sinjura Speranza Chircop saħqet illi Triq Rnella għandha tiġi inkluża f'din il-lista kif diġa kien ġie diskuss ma' l-aministrazzjoni tal-Kunsill preċedenti.

2.5 Punt 5.5 ċ mis-Seduta 11.16 – Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill dwar kwotazzjoni li hija kisbet aktar kmieni dan ix-xahar fir-rigward li l-Kunsill ikollu Podju għad-dispożizzjoni tiegħu minflok jibqa jiġi mikri għal kull attivita' kif fil-preżent qiegħed isir.

Il-Kunsill kollu qabel unanimamanent dwar dan il-punt imsemmi hawn fuq.

---

Is-Seduta twaqqfet mill-Kunsillier Pawlu Bongailas fejn wera id-dispjaċir tiegħu rigward kif qed isiru l-affarijiet li jikkonċernaw Jum il-Kalkara kif ukoll il-pubblikazzjonijiet li jinħarġu mill-Kunsill.

Huwa saħaq illi din is-sena bħas-snin preċedenti kien hu biss li ħadem fuq ir-rivista li ser jitqassam f'kul residenza kif ukoll kien qiegħed jaħdem fuq il-loġistika ta' Jum il-Kalkara fl-istess waqt u li ma jaqawx taħt id-dekasteru tiegħu.

Wara diskussjoni kostruttiva bejn il-Kunsilliera kollha, formalment il-Kunsill qabel illi s-Sur Pawlu Bongailas jingħata ir-rwol ta' Kordinatur u resposabbilta' għal Jum il-Kalkara kollha, għas-snin li ġejjijn taħt din l-istess leġislatura bid-diferenza li kulħadd ser ikun

qed jagħti is-sehem tiegħu skond kif ikun hemm bżonn.

Fir-rigward il-Pubblikazzjoniijiet li fil-preżent huwa dekasteru tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop hija saħqet illi ser tkun qed tagħti risposta aktar tard jekk hux lesta li tagħti dan id-dekasteru mir- responsabilta' tagħha fejn f'dan il-każ huwa jaċċetta dan id-dekasteru bil-patt u l-kundizzjoni li kull Kunsillier irid jagħti s-sehem tiegħu kif ikun meħtieġ.

Is-Sindku saħqet illi fil-Pubblikazzjonijiet li joħroġ il-Kunsill kull Kunsillier għandu jikteb fuq id-dekasteri li jaqgħu taħtu u mhux messaġġ in ġenerali kif ġara din id-darba.

Il-Kunsill ma' qabilx mal-punt imsemmi abbażi li kulħadd għandu dritt jikteb li jħoss għar-residenti.

Intlahaq ftehim unanimu rigward affarijiet ta' loġistika fuq Jum il-Kalkara 2016.

Is-Sur Bruno saħaq illi hemm bżonn illi kull Kunsillier għandu jkollu laqgħat ta' spiss mas-Sotto Kumitati rispettivi biex b'hekk kulħadd ikun ta' għajnuna fil-mument ta' ġbir ta' materjal / loġistika kemm meta jinħarġu pubblikazzjonijiet kif ukoll qabel is-serata ta' Jum il-Kalkara.

Il-Kunsilliera tennew illi il-kunċett ta' kif qed jingħata Ġieħ u Unur il-Kalkara huwa tajjeb ħafna pero' hemm fejn intejbu id-deċiżjoni finali minħabba li din is-sena ma kinux infurmati abbażi ta' kif ingħataw dawn il-premijiet mis-Sotto Kumitat li laħqu huma stess.

## 3. Korrispondenza

3.1 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill b'email formali li ntbgħat lill-Kunsill mingħand il-kumpanija 'The Green Hub' fir-rigward ta' 'Wee Trollies' li jistgħu jitpoġġew madwar il-lokal għal benefiċċju tar-residenti.

Il-Kunsill kollu qabel illi għandha tintbgħat email lura b'sett ta' mistoqsijiet lil din il-kumanija qabel ma' titieħed deċiżjoni finali minn naħa tal-Kunsill biex dawn it-'Trolleys' jiġu impoġġija madwar il-lokal ħabba raġunijiet ovvji.

3.2 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar email formali li rċeviet mingħand kumpanija fejn dawn qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill tagħna biex issir speċi ta' konferenza fl-uffiċċju tal-Kunsill stess għal benefiċċju tar-residneti rigward opportunitajiet ta' xogħol li din il-kumpanija tista toffri.

Il-Kunsill kollu qabel unanimament illi jekk din il-konferenza ma' tiġġenera l-ebda spiża lill-Kunsill innifsu ma' jsibu l-ebda oġġezjoni biex finalment issir.

3.3 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill dwar il-miżata li l-Kunsill joħroġ kull sena għal-kunċert li jiġi mtella' mill-Kunsill flimkien mal-Parroċċa bis-sehem tal-Kor Parrokkjali tal-Knisja tal-Kalkara.

Il-Kunsill qabel unanimament li għal din is-sena il-miżata ser titħallas bħas-snin preċedenti minħabba għeluq l-40 sena anniversarju mit-twaqqif ta' dan l-istess Kor Parrokkjali, iżda mis-sena 2017 din trid tiġi riveduta kif diġa kien ġie diskuss f'Seduta li kienet saret aktar kmieni din is-sena stess.

3.4 Is-Sinjura Chircop spjegat lill-Kunsill kollu dwar proġett pilota li qed isir fil-lokal tagħna ma' NGO favur il-qtates ta' barra flimkien mal-Kunsillier is-Sur Vince Bongailas għal benefiċċju ta' dawk l-individwi li jieħdu ħsieb il-qtates ta' barra tal-lokal fejn dawn ta' l-aħħar ser ikunu qegħdin jibbenefikaw minn fondi speċjali bħala għajnuna finanzjarja għal-ikel mediċina u dak kollu li jkollhom bżonn.

Il-loġistika ta' dan l-istess proġett għad qed tiġi maħduma mis-Seg.Eżek. kif ukoll man-nies responsabbli fi ħdan din l-NGO.

3.5 Is-Sinjura Chircop spjegat illi qabel ma tiġi proċessata il-'Bye Law' li l-Kunsill ilu jaħdem fuqha mill-bidu ta' din il-leġislatura, il-Kunsill stess għandu jinnotifika il-pubbliku fuq il-gazetta qabel ma' l-istess 'Bye Law' tiġi ipproċessata w approvata mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill illi x-xogħol fuq din il-'Bye Law' ser jibqa għaddej kif ġie miftijhem biex sa fl-aħħar il-bajja tiġi irregolata kif suppost u l-Kunsill stess jikseb l-approvazzjoni mid-Dipartiment stess.

3.6 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill dwar żieda fl-

allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2017 b'persentaġġ ta' 4% mis-sena 2017. Hija saħqet illi is-Seg.Eżek. attendiet għal konferenza formali li saret aktar kmieni fix-xahar ta' Novembru fejn ġie spjegat fuq liema bażi il-Kunsilli ħadu l-persentaġġi differenti abbażi ta' sett ta' kriterji.

Is-Seg.Eżek. ser tkun qed tibgħat email formali għal-informazzjoni tal-Kunsilliera kollha kif ukoll biex jattendi xi ħadd minnhom għal-laqgħa li ser issir f'dan ir-rigward fin-nuqqas tas-Seg.Eżek. li mhux ser tkun tista tattendi.
3.7 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat lill-Kunsil kollu dwar attivita' li ser tkun qed tittella' mill-iskola Primarja tal-Kalkara bl-għajnuna tal-Kunsillier Vince Bongailas biex b'hekk il-Kunsill jagħti sorpriża lit-tfal li jattendu din l-istess skola wara diskussjoni nformali li kellu hu personali mal-Kap ta' l-iskola.

Is-Sinjura Maria Sultana uriet dispjaċir f'dan ir-rigward minħabba illi hi ma kienet taf b'xejn allavolja hi hija il-persuna responsabbli mit-tfal u l-edukazzjoni.

Kemm is-Seg.Eżek. kif ukoll il-Kunsillier Vince Bongailas spjegaw illi din il-kwostjoni ġiet fid-diskors mal-Kap tal-iskola u ma kien hemm xejn pjanat minn qabel.

Il-Kunsill kollu qabel unanimament rigward din l-attivita' li ser isir fl-14 ta' Diċembru 2016 fl-10:30am fl-iskola stess fejn kulħadd mistenni li jattendi.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop qrat ittra formali mibgħuta minn Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja biex tinforma lill-Kunsill kollu dwar il-ħatra ta' Segretarju ġdid is-Sur Joe Mintoff.

4.2 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop għarrfet lill-Kunsill dwar talba mingħand resident li joqgħod in-naħa ta' Triq Santu Rokku viċin ħanut tal-laħam għal lampa ġdida minħabba li hemm id-dlam f'din l-akkwata. Is-Sindku spjegat illi peress li din in-naħa taqa' taħt il-Gvern Ċentrali ser tkun qed tintbgħat talba formali lill-Enemalta b'din ir-rikjesta fiż-żmien li ġej.

4.3 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop għarrfet lill-Kunsill dwar ħarġa li

ser tkun qed torganizza hi f'isem il-Kunsill lill-anzjani fejn ser ikunu qegħdin iżuru presepji maltin f'dan iż-żmien tal-Milied. Din il-ħarga ser tkun qed tiġi organizzata bejn il-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

**5a.Komunikazzjoni tal-Kunsillieri-Christopher Bruno – Vici Sindku**

A Is-Sur Chris Bruno talab biex tinkiteb nota fil-fuljetti li jinħarġu lir-residenti tal-Kalkara rigward pjanti fuq il-bankina kif ukoll siġar li jaqbżu iċ-ċnut tal-propjetajiet tagħhom biex dawn jiġu miżbura ta' sikwit kif ikun hemm bżonn biex ma jkunux ta' ostaklu fuq il-bankini għan-nies li jgħaddu bil-mixi.
B Is-Sur Chris Bruno saħaq illi hemm bżonn isiru mill-aktar fis possibli il-marki ma' l-art fit-telgħa ta' Bighi wara li qed ikun hemm konfużjoni ta' parkeġġ kif ukoll konfużjoni ta' traffiku speċjalment mal-ftuħ ta' 'Esplora' fejn issa qed jiġu ħafna nies iżuru dan il-post.

C Is-Sur Chris Bruno talab lill-Kunsill biex tintbgħat komunikazzjoni formali lil min hu responsabli minn 'Esplora' rigward illi il-parkeġġ li sar minn naħa tagħhom fi Triq Luigi Pisani mhux qed ikun miftuħ għar-residenti / pubbliku kif kien ġie imwiegħed qabel ma' nbeda il-proġett. Kif ukoll il-Kunsill għandu jistaqsi jekk kienx hemm xi żviluppi rigward il-ġnien li kellu jiġi rranġat minn naħa tagħhom għal benefiċċju tal-pubbliku kif ukoll kien diġa ġie diskuss fil-passat ma' l-istess Kunsill.

**5.c Komunikazzjoni tal-Kunsilliera – Is-Sur Pawlu Bongailas, Kunsillier**

A Is-Sur Pawlu Bongailas reġa saħaq illi hemm bżonn nerġgħu nibgħatu lill-Pulizija biex jagħmlu nfurzar fuq is-'Sight Seeing Coaches' li qed jiġu pparkjati fil-lokal bil-lejl kważi kuljum kif ukoll għal-'Mobile Toilets' li qed jitħallew ipparkjati fuq karru imwaħħlin ma' van fil-lokal.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi dawn iż-żewġ rappoti kienu diġa saru iktar minn darba fejn il-Pulizija spjega illi bil-liġi il-'Mobile Toilets' la qegħdin fuq karru ma' tistax taqbad u tgħidlu jneħħijhom kif ukoll fir-rigward tal-'Coaches' kellhom jiċċekjaw x'arranġamenti hemm fuqhom fit-toroq.

## 6 Approvazzjoni tal-pagamenti

6.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 12.16 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-

Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 7 Aġġornament

7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar il-Hamis 15 ta' Dicembru 2016 fl-4:00 p.m.

**IFFIRMATA**
***Speranza Chircop***
*Sindku*

**IFFIRMATA**
***Elaine Caruana***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 26/07/2016